# BEATI U QADDISIN...APRIL

## 21 ta' April
## San Anselmu, isqof u duttur tal-knisja

Twieled f'Aosta, fil-Piemonte, l-Italja ta' fuq, fis-sena 1033 minn genituri nobbli u sinjuri. Waqt l-istudju tieghu mal-Benedittini gewwa Aosta huwa beda jhoss is-sejha biex jdhol ma'din l-ordni, izda l-genituri tieghu opponewlu.



Huwa ddecieda li jitlaq minn daru u wara li mar gewwa Borgogna u Franza Centrali wasal sa Avranches gewwa n-Normandija fejn sab abbazija benedittina ta' La Bec u hawn taht il-harsien tas-superjur Lanfranco di Pavia beda miexi 'l quddiem biex jdhol patri. Maz-zmien wara li gie kkonsagrat sacerdot huwa lahaq prijur ta' din l-istess abbazija.

Ghallem it-teologija u habrek biex jimxi 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni. Mar l-Ingilterra u hemm intghazel bhala Isqof ta' Canterbury. Kien ippersegwitat mir-renjanti u ghal darbtejn kellu jmur fl-ezilju lejn l-Italja. Anselmu kien l-akbar teologu ta' zmienu u ha sehem fil-Koncilju ta' Bari (1095), filwaqt li mexxa dak ta' Westminster (1102). Halla bosta kitbiet importanti. Miet fil-21 ta' April 1109 gewwa Canterbury.

Il-Papa Klement XI hatru Duttur tal-Knisja fl-1720.